








# L-ISTORJA

Kollox beda meta l-istitut ta' San Ġużepp fetaħ il-bibien tiegħu għat-tfal orfni nhar il-21 ta' Mejju 1925. Din kienet Ġurnata importanti ħafna fil-qasam tas-Soċjeta' għaliex konsegwenza ta' dan l-avveniment, tlett snin wara ċioe fl-1928, twieldet il-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem taħt l-awspiċi ta' dan l-istitut.

Il-Fundatur kien Monsinjur Ġużeppi De Piro, figura ta' importanza nazzjonali. F'dawk iż-żminijiet, Monsinjur De Piro kien ferm magħruf għall-ħidma tiegħu mat-tfal orfni u kellu sehem importanti fit-twaqqif u fit-tmexxija tal-Istitut ta' San Ġużepp speċjalment fl-ewwel snin tiegħu.

L-istorja tmur lura għat-18 t'April 1925 meta l-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi ħareġ id-digriet tal-affiljazzjoni fejn id-Dar ta' San Ġużepp ta' Għajnsielem kellha tagħmel parti mid-Dar ta' San Ġużepp ta' Santa Venera u kellu jkun hemm ukoll is-Soċjeta' ta' San Pawl tar-Rabat Malta li De Piro stess kien waqqaf fl-1910.



## Il-ħajja ta' Mons. Ġużeppi De Piro

Dun Ġużeppi De Piro twieled fl-Imdina, fit-2 ta' Novembru 1877. Missieru, Alessandro u ommu Ursola Agius, kienu t-tnejn ta' nisel nobbli. Kien is-seba' tifel fost disat' aħwa. Wara li rċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fid-dar tal-familja, hu għadda għal Liċeo tal-Belt, għall-formazzjoni sekondarja. Fl-aħħar klassi għamel l-eżami tal-Matrikola. Daħal l-Universita' fejn għamel tlett snin jistudja l-Arti u x-Xjenza. Mat-tmiem ta' dan il-kors, fl-1897, hu beda l-istudji li kellhom iwassluh biex jilħaq avukat. Ta' min igħid, iżda, li f'dawn is-snin Ġużeppi ma kienx jistudja biss. Sallum is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl għad għandha diversi pitturi li hu kien għamel fi tfulitu u f'żogħżitu. Mhux darba u tnejn li De Piro ħa sehem f'kompetizzjonijiet anke nazzjonali, u rebaħ xi premjijiet. Waqt li kien l-Universita' Ġużeppi għamel anke żmien suldat fil-Milizjia Maltija.

Il-kors ta' avukat ma spiċċahx. Dan mhux għax ma kienx kapaċi imma għax Alla kien ħejja triq oħra għalih. Fil-fatt waqt li fit-8 ta' Mejju 1898, Ġużeppi kien qiegħed ma' sħabu fil-Knisja tal-Ġizwiti, il-Belt, jagħmel is-Supplika tal-Madonna ta' Pompej, huwa ra biċ-ċar li Alla riedu saċerdot. Għax kien imrobbi fit-talb u fid-direzzjoni spiritwali, iż-żagħżugħ malajr qal iva lil Alla. Dik is-sena stess, fl-1898, Ġużeppi mar Ruma u hemm beda l-istudji tal-Filosofija u t-Teoloġija.



Il-pjanijiet tas-seminarista Ġużeppi kienu kbar. Kien jixtieq li jagħmel għaxar snin jistudja Ruma. Imma ġara mod ieħor. Tant inħakem mill-mard, li kellu jitlob lill-Arċisqof ta' Malta Pietru Pace, biex itih il-possibilita' li jordna wara biss kważi erba' snin li kien ilu li ħalla Malta. Il-permess ingħata u Ġużeppi ġie ordnat f'Ruma fil-15 ta' Marzu 1902. Huwa għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Katidral tal-Imdina, f'Marzu tal-istess sena. Dun Ġuzepp mar l-Isvizzera biex jieħu saħħtu fejn hemmhekk dam sal-1904. Huwa rritorna Malta u beda jaħdem bħala saċerdot fil-Parroċċa tal-Qrendi. Imma l-ħidma tiegħu hawn ma kellhiex ittul ħafna għax fl-1907 l-Arċisqof Pace għażel lil De Piro bħala direttur tal-Istitut Fra Diegu, fil-Ħamrun.

Fra Diegu ma kienx l-uniku Istitut jew orfanatrofju f'idejn De Piro. Hu kellu jieħu f'idejh ħamsa oħra: l-Istitut ta' San Ġuzepp, f'Santa Venera; dak ta' Ġesu Nazzarenu, fiż-Zejtun; Dar għaċ-ċkejknin f'Santa Venera; San Franġisk ta' Paola f'B'Kara; u San Ġuzepp f'Għajnsielem Għawdex. Fl-istess żmien De Piro ġie maħtur Monsinjur u Dekan tal-Katidral tal-Imdina. Bejn l-1916 u l-1918 l-Arċisqof Mawru Caruana għażlu bħala segretarju tiegħu. Fis-sentejn ta' wara hu ġie mqiegħed Rettur tas-Seminarju Maġġuri, fl-Imdina. Imma s-servizz li ta De Piro ma kienx fil-Knisja biss. Huwa kien ukoll ċittadin li ta sehem sħiħ għall-binja ta' pajjiżna. Fil-fatt bejn l-1918 u l-1921 huwa għamel parti mill-Assemblea Nazzjonali li kellha tieħu ħsieb it-tfassil tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fis-7,8, u 9 ta' Ġunju 1919, De Piro ħabbrek biex tinkiseb il-paċi bejn il-Maltin u l-Gvern Ingliż. Mill-1932, sakemm miet (fl-1933) Dun De Piro kien ukoll senatur fit-Tielet Parlament Malti.

Imma din ma kienitx il-ħajja kollha ta' Dun De Piro. Il-kontribut ewlieni li ta lid-dinja dan il-Malti kienet is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl. Din is-Soċjeta' kompliet tikber u tinfirex f'diversi djar oħra f'Malta, f'Għawdex u anke barra minn pajjiżna.



*Mons De Piro Fil-preżenza ta' Saċerdoti fl-Istitut*

# L-ewwel snin tal-Banda

Meta beda l-Istitut ta' Għawdex il-Monsinjur ried iwaqqaf Banda simili għal dik li kien hemm diġa' għal diversi snin fl-Istitut San Ġużepp ta' Malta. Kien fl-1928 meta Mons. De Piro xtara hu nnifsu xi strumenti tal-mużika bil-għan li jwaqqaf Banda mit-tfal tad-Dar t'Għajnsielem. Eks-Bandisti li dakinahar kienu jiffurmaw parti mill-ewwel Banda jħobbu jgħidu li meta Mons. De Piro kien imur l-Istitut t'Għajnsielem hu kien iħobb itella' miegħu xi strument jew tnejn għat-tfal li tant kienu juru entużjażmu. Bħala surmast De Piro sab lis-Surmast Anton Muscat Azzopardi, żagħżugħ ta' ħila, li darba kien wieħed mit-tfal fl-Istitut ta' Santa Venera. Kien De Piro stess li fi tfulitu ħajru u għenu qatiegħ biex jitgħallem il-mużika. Għalhekk Muscat Azzopardi aċċetta minnufih li jagħti sehmu fil-Banda ta' San Ġużepp t'Għawdex.



*Patri Lużar Buhagar, Dun Karm Azzopardi u s-Surmast Mikiel Farruigia flimkien ma' l-ewwel Bandisti*

Fost dawk l-istudenti li kienu qegħdin jitgħallmu l-mużika, wieħed isib lil Mikiel Ciangura minn Għajnsielem, Pinu Gatt minn Ta' Sannat u Kristinu Gatt min-Nadur. Dawn kollha kienu qegħdin joqogħdu fl-istitut. Għall-bidu l-Banda l-ġdida sabet diversi ostakli, fosthom li Mro. Muscat Azzopardi kellu impenji ma' baned oħrajn Maltin u għalhekk kien isibha diffiċli sabiex jaqsam minn Malta għal Għawdex regolarment. Is-soċjeta' kellha bżonn demm ġdid biex tkompli tgħix u tiffjorixxi u għalhekk Muscat Azzopardi rrakkomanda lis-Surmast Mikiel Farrugia mir-Rabat Għawdex biex ibiddlu fl-1930.



*L-Isqof t' Għawdex Mikiel Gonzi jżur l-Istitut*

## L-era taħt is-Surmast Mikiel Farrugia

F' Farrugia kienet għażla f'waqtha; l-ewwel għax kien Għawdxi u għalhekk kien igħallem lill-aljievi b'aktar enerĠija u dedikazzjoni. Hu kien għadu żgħir fl-eta' u kien ittrenjat tajjeb ħafna fil-mużika. Dan minħabba li kien mużiċista mal-Forzi Armati ta' Malta u kien ukoll solista mal-Banda "Kings Own" tal-Belt Valletta. Taħt idejh, dawn l-aljievi tgħallmu ħafna u bdew juru l-potenzjalita tagħhom. Sadanittant, in-nies t'Għajnsielem bdew jagħtu kas ta' dan kollu.

## Il-Banda San Ġużepp tidebutta

Fl-1931, għall-okkażjoni tas-sitt anniversarju tal-ftuħ tal-istitut ġie deċiżli jiġi mħejji programm speċjali mimli attivitajiet sabiex jiċċelebraw dan l-avveniment. Id-diretturi ta' din l-istituzzjoni ddeċidew wkoll li dakinhar kellha tiddebutta għall-ewwel darba din il-Banda l-ġdida. Nhar is-17 ta' Mejju 1931 folla mdaqqsa ta' nies inġabret fil-bitħa tal-Istitut biex tara u tisma' d-debut ta' din il-Banda, il-Banda San Ġużepp. F'din l-ewwel ħarġa tagħhom fost diversi biċċiet ta' mużika, il-Banda daqqet l-"Omaggio al Superiore Mons. De Piro", xogħol tas-Surmast Mikiel Farrugia. Kien mistħoqq u jixraqlu li l-ewwel noti li jindaqqu jkunu f'ġieħ il-Fundatur tal-Banda u b'kompożizzjoni tas-surmast direttur li għallem lil din il-Banda sabiex iddoqq fil-pubbliku. Kien Mons. De Piro stess li fetaħ din iċ-ċerimonja b'diskors ta' awgurju lill-Banda l-ġdida.

## Il-Banda tibda tissaħħaħ

Il-Banda l-ġdida bdiet turi xogħolha billi tieħu sehem f'diversi festi u okkażjonijiet differenti. Bdiet billi ħadet sehem fil-festa ta' Sant'Antnin u f'dik tal-Madonna ta' Lourdes. Fis-sena 1931, il-Banda ħarġet mill-orbita tar-raħal t'Għajnsielem u għall-ewwel darba ħadet sehem fil-festi ad unur il-Knisja ta' Savina ġewwa r-Rabat. Fis-sena 1932 ħadet sehem fil-festa ta' San Ġorġ ġewwa r-Rabat u fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Fontana. Fl-istess sena marret iddoqq fl-isptarijiet tar-Rabat u ta' Chambray. Sena wara laqgħet lill-Gvernatur ta' dak iż-żmien bl-innu "God Save" fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V. Fil-25 t'April 1934, il-Banda akkumpanjat l-istatwa l-ġdida tal-Madonna tal-Grazzja għall-Kunvent tal-Kapuċċini ġewwa Victoria.



## Il-mewt ta' Mons. De Piro

Is-sena 1933 kienet sena kerha għad-dar ta' San Ġużepp u għall-Banda żagħżugħa minħabba li miet Mons Ġużeppi De Piro. Ftit wara din id-dar għaddiet taħt idejn Dun Ġużepp Galea Rapa. (ara ritratt tiegħu fuq il-lemin)

## Jibda kapitlu ġdid taħt Rev. Galea Rapa

Il-wasla ta' dan is-Saċerdot bħala id-direttur il-ġdid tagħha fetħet kapitlu ġdid fl-istorja tal-Banda. Kien wasal iż-żmien li l-Banda timxi f'direzzjoni ġdida u ssir parti integrali mir-raħal t'Għajnsielem. Rev. Galea Rapa ma tantx sab sitwazzjoni faċli għaliex in-numru ta' mużiċisti li kienu joqgħodu f'din id-dar kien zgħir ħafna.

Dan għaliex għax iż-żgħażagħ kienu qed jinbidlu ta' sikwit u għalhekk hu qatt ma seta' jkollu bażi soda ta' mużiċisti. Kien hemm il-biża' li l-Banda setgħet tisfaxxa iżda Rev. Galea Rapa daħħal uċuħ ġodda billi fetaħ il-bibien għaż-żgħażagħ tar-raħal t'Għajnsielem. Minnufih kabbar in-numru u daħal fl-imħuħ tan-nies Għajnselmiżi.



*Il-preżentatzjoni tal-"Union Jack"*

L-ewwel rebħa li ġab Rev. Galea Rapa kien il-permess mingħand l-Isqof M. Gonzi sabiex idaħħal mużiċisti żgħażagħ mill-Azzjoni Kattolika t'Għajnsielem. Meta mbagħad beda jiżdied in-numru ta' bandisti, dan ġab miegħu nuqqas ta' strumenti. Imma sat-18 ta' Frar 1937 dawn inġabu u fis-sena 1938 il-Banda bdiet tuża uniformi ġdida. Mal-bidu tat-tieni gwerra dinjija, il-Banda bdiet tieħu sehem f'kull festa t'Għawdex. Fit-30 ta' Lulju 1937 ħadet sehem ukoll fil-festa ta' Kemmuna. F'din l-okkażjoni l-Banda Ġiet preżentata l-"Union Jack" mingħand Col. Vella.

## Tasal il-Gwerra u tintemm l-ewwel parti ta' l-Istorja

Bl-ewwel inżul tal-bombi u l-ħoss makabru tas-sireni, il-Banda waqfet. Il-gwerra ġabet magħha t-tmiem tal-ewwel parti ta' l-istorja ta' din il-Banda. Dan ġara proprju ftit taż-żmien wara li l-Band San Ġużepp reġgħet daħlet fix-xena mużikali Għawdxija.

Ftit taż-żmien wara li spiċċat il-gwerra, l-Banda reġgħet ingħaqdet iżda fis-sena 1946, is-Surmast Farrugia rriżenja minħabba impenji oħra. Postu ħadu s-Surmast Ġanni Vella. Dan tal-aħħar beda jgħallem mużiċisti ġodda u l-Banda mill-ewwel bdiet tieħu sehem fil-fiera annwali tal-istitut u anki f'diversi festi parrokkjali ġewwa Għawdex.

Fil-1947 ġie inawgurat planċier ġdid, xogħol ta' diversi entużjasti minn Għajnsielem fosthom Ġużeppi Cutajar u Angelo Gauci. Fost l-avvenimenti memorabbli ta' wara l-perjodi tal-gwerra wieħed isemmi l-istediniet annwali li l-Kaptan A. Zammit Cutajar estenda għal din is-soċjeta' f'diversi okkażjonijiet tal-festa ta' Kemmuna u l-inawgurazzjoni tal-vapur Banċinu, li għalih il-Banda kienet mistiedna mis-Sur Joe Gasan, sid ta' dan il-vapur. Wieħed jista' wkoll isemmi l-preżentazzjonijiet tat-trofej mis-Sur G. Mizzi, president tal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara, li f'dik l-era kienet tagħti sehem importanti fil-festa ta' Għajnsielem taħt id-direzzjoni tal-Maġġur Anthony Aquilina.

Issa kien wasal żmien ta' sfida għal din is-soċjeta' minħabba diversi problemi u ostakoli li kienu qed jinqalgħu. Diversi bandisti ta' din il-Banda bdew jemigraw u mal-bidu tas-snin ħamsin il-Banda waqgħet fi kriżi. In-numru tal-bandisti niżel drastikament. Ftit kien hemm bandisti ġodda u wara ftit taż-żmien il-Banda għal darb' oħra reġgħet żarmat. Dan kien perjodu iswed għas-soċjeta' kif ukoll għall-istorja mużikali tar-raħal t'Għajnsielem. Dwar il-waqfien tas-soċjeta', ftit għandna informazzjoni ta' x'ġara eżatt.

## 1966: Is-sena tar-Rinovazzjoni

Għadda ż-żmien. ġenerazzjoni ġiet wara l-oħra u għas-snin sittin iż-żgħażagħ tar-raħal t'Għajnsielem reġgħu bdew iparlaw bejniethom u jsemmu l-probabilita' tal-fondazzjoni tal-Banda t' Għajnsielem. Dan kien żmien iebes għar-raħal kollu għaliex din kienet era fejn il-poplu Għajnselmiż kien impenjat bis-serjeta' bil-bini tal-knisja il-ġdida.

F'Mejju 1966 il-veteran Ġużeppi Attard li kien isem sinominu mal-banda, flimkien ma' diversi persuni oħrajn bl-iskop li jerġgħu jagħtu ħajja ġdida lill-Banda għamlu talba formali lid-direttur ta' l-Istitut għall-użu tal-istess istitut u l-istrumenti qodma tas-soċjeta'. Din it-talba ġet milqugħa u minn dak iż-żmien 'l hawn, is-soċjeta' qatt ma ħarset lura. Dawn il-membri irnexxielhom ukoll jakkwistaw is-servizzi ta' Mro. Ġużeppi Farrugia, iben is-Surmast Mikiel Farrugia bħala s-Surmast Direttur tal-Banda. Dan is-Surmast żagħżugħ beda biċċa xogħol iebsa, beda jgħallem liż-żgħażagħ it-teorija u il-prattika tal-mużika u fi żmien sena l-banda reġgħet qamet fuq saqajha.



*Il-Bandisti li taw ħajja ġdida lil Għaqda Mużikali San Ġużepp fl-1966*

## Banda "Ġdida" b'isem "Qadim"

Nhar it-13 t'April 1967, il-Banda għamlet l-ewwel kunċert tagħha bi preparazzjoni għall-ewwel marċ li kellu jsir ftit taż-żmien wara. L-ewwel Kumitat kien iffurmat minn Dun Ġużepp Galea Rapa bħala l-ewwel president u fis-7 ta' Mejju din il-Banda "il-ġdida" b'isem "qadim" daqqet l-ewwel marċijiet tagħha f'marċ li għalih attendew bosta Għajnselmiżi. Kienet il-bidu t'era ġdida għall-Banda San Ġużepp. Ġużeppi Cauchi, wieħed mill-ewwel bandisti tal-1928 laħaq President fl-1968. Sadanittant, taħt it-tmexxija ta' Mro. Ġużeppi Farrugia l-Banda għamlet progress kbir. Il-Banda bdiet tissaħaħu mindakinhar l' hawn in-numru ta' bandisti qatt ma' niżel taħt l-40. Fil-paġni li jmiss ser naraw ġurnata b' ġurnata x' ġara fl-ewwel xahrejn minn meta bdew il-kunċerti kif wkoll dwar fatt kurjuż ta' meta l-banda ħarġet iddoqq għall-ewwel darba

# META L-BANDA REĠGĦET INGĦAQDET MILL-ĠDID FL-1966

*Mid-Djarju Ta' Ġużeppi Cauchi*

Wara ħafna diskussjonijiet li saru qabel mad-diretturi tad-Dar ta' San Ġużepp mis-Sur Ġużeppi Attard, dawn aċċettaw li terġa' tifforma l-banda mill-ġdid wara li din ma baqgħetx tiffunzjona. Huma aċċettaw ukoll li t-tagħlim isir fuq l-istrumenti li kien hemm qabel u li l-kunċerti jsiru fl-istitut stess. Ġużeppi nkariga lil ħuh Mawru jmur ir-Rabat u jistieden lil Ġużeppi Farrugia li nzerta li dan kien iben is-surmast Mikiel, li qabel kellu f' idejh il-banda tal-istitut. Wara li dam jaħsibha ftit dan aċċetta u wara ftit ġranet beda t-tagħlim tal-mużika lil dawk li kienu mħajjra biex il-banda terġa' tiffunzjona mill-ġdid.

F'dan id-djarju se nsemmi l-ewwel xahrejn ta' kif bdew il-lezzjonijiet ġurnata b' ġurnata li lħaqt ktibt u ma komplejtx.

***9 ta' Mejju, 1966:*** Kellna l-ewwel lezzjoni tal-mużika li bdiet fis-7.00pm u damet sad-9.15pm. Konna madwar xi 30 ruħ. Din l-ewwel lezzjoni saret fis-sala ta' l-istitut il-qadim ta' San Ġużepp u fiha tgħallimna n-noti u l-battuti tagħhom. Mar għas-surmast ir-Rabat Ġużepp Debono tal-forn u reġa' tellgħu hu stess.
***11 ta' Mejju, 1966:*** Erġajna ltqajna u komplejna nistudjaw iktar mużika. Ilum studjajna n-noti tas-semi-breve, minima u semi-minima. Bdejna fis-7.15pm u spiċċajna fid-9.00pm. Mar għas-surmast Ġużeppi Attard u tellgħu Kelinu Cassar ta' Maripawl.
***13 ta' Mejju, 1966:*** Illum studjajna n-noti tal-kroma u tas-semikroma. Bdejna fis-6.45pm u spiċċajna fid-9.15pm Konna madwar xi 20 ruħ. Mar għas-surmast Noe Żerafa u tellgħu Spiru Cauchi.
***16 ta' Mejju, 1966:*** Illum għamilna reviżjoni tan-noti u t-taħbit tagħhom li konna studjajna qabel. Konna madwar 30 ruħ u l-lezzjoni bdiet fis-6.45pm u spiċċat fid-9.30pm Mar għas-surmast Ġużeppi Attard u tellgħu Carmel Cauchi.
***18 ta' Mejju, 1966:*** Għamilna lezzjoni oħra u llum tgħallimna "il-Kontra-temp" u "mat-temp" u kif jinħassu u jindaqqu n-noti f' dawn it-tempi. Mar għas-surmast Ġużeppi Attard u tellgħu Ġużepp Debono.
***20 ta' Mejju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra u llum tgħallimna fuq it-temp 6/8. Bdejna fis-7.30pm u spiċċajna fid-9.15pm. Mar għas-surmast Mawru Attard u tellgħu Kelinu Cassar.
***23 ta' Mejju, 1966:*** Għaddejna lezzjoni oħra u studjajna l-4/4 it-3/4 u t-2/4. Bdejna fis-7.30pm u spiċċajna fid-9.15pm. Mar għas-surmast Ġużeppi Attard u tellgħu Kelinu Cassar.
***25 ta' Mejju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra li fiha għaddejna t-taħbit tan-noti fuq temp 4/4 u 3/4 u kif tħabbathom. Bdejna fis-7.15pm u spiċċajna fid-9.15pm
***27 ta' Mejju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra li fiha tgħallimna kif tħabbat il-Biskromi. Bdejna fis-7.15pm u spiċċajna fid-9.00pm.
***30 ta' Mejju, 1966:*** Lezzjoni oħra li bdiet fit-7.45pm u spiċċajna fid-9.15pm.
***1 ta' Ġunju, 1966:*** Għaddejna lezzjoni oħra li fiha tgħallimna t-taħwid tan-noti ġo xulxin. Bdejna fit-7.45pm u spiċċajna fid-9.15pm
***6 ta' Ġunju, 1966:*** Lezzjoni oħra li bdiet fis-7.30pm u spiċċat fid-9.15pm. Konna 25 ruħ.
***8 ta' Ġunju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra li fiha għaddejna iktar taqsimiet tan-noti. Bdejna fis-7.15pm u spiċċajna fid-9.15pm.

***10 ta' Ġunju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra. Bdejna fis-7.15pm u spiċċajna fid-9.15pm Għaddejna t-taqsima tas-sestini.

***13 ta' Ġunju, 1966:*** Lezzjoni oħra u llum tgħallimna s-sinfikat. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.15pm

***15 ta' Gunju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra u llum tgħallimna noħorġu xi noti fuq l-istrumenti. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.30pm

***18 ta' Gunju, 1966:*** Lezzjoni oħra tal-istrumenti kif noħorgu aktar noti. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.15pm.

***20 ta' Ġunju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra għall-istrumenti tar-ramm fejn tgħallimna noħorgu aktar noti. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.15pm

***22 ta' Ġunju, 1966:*** Lezzjoni oħra għall-klarinetti, kurunetti, saxs, althorns eċċ. Bdejna fis-7.15pm u spiċċajna fid-9.30pm.

***23 ta' Ġunju, 1966:*** Erġajna għamilna reviżjoni tal-lezzjonijiet ta' qabel. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.30pm.

***27 ta' Ġunju, 1966:*** Lezzjoni oħra għall-istrumenti tar-ramm li fiha tgħallimna noħorgu aktar noti. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.30pm.

***30 ta' Ġunju, 1966:*** Lezzjoni oħra għall-istrumenti tal-klarinetti u kurunetti. Bdiet fis-7.00pm u spiċċat fid-9.45pm.

***2 ta' Lulju, 1966:*** Lezzjoni oħra għall-istrumenti tar-ramm. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.30pm.

***4 ta' Lulju, 1966:*** Kellna lezzjoni oħra għall-istrumenti tal-klarinetti u kurunetti. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.30pm.

***6 ta' Lulju, 1966:*** Lezzjoni oħra għall-baxxi u kurunetti. Illum tana l-ewwel lezzjoni tas-sulfeċċ. Bdejna fis-7.00pm u spiċċajna fid-9.00pm.

Il-lezzjonijiet u l-kunċerti baqgħu sejrin kull ġimgħa sa Mejju tas-sena 1967, meta l-banda ħarġet iddoqq għall-ewwel darba fil-Fiera tal-Istitut ta' San Ġużepp ta' dik is-sena. Fatt kurjuż ġara meta l-banda bdiet iddoqq l-ewwel marċ li beda mill-Pjazza tal-Knisja l-Qadima. Xi ħadd qal lis-sezzjoni ta' quddiem biex jibdew il-marċ Nru. 1 u lil ta' wara qalulna biex nibdew il-marċ Nru. 2. Xħin beda l-marċ ta' wara ndunajna bl-iżball li sar u malajr qallibna l-librett u komplejna ma' ta' quddiem li mank biss indunaw li bdejna żewġ marċijiet f'daqqa. Iżda billi l-banda kellha bażi soda ta' tagħlim ma waqafniex u komplejna sejrin bil-marċ sal-istitut flimkien ma' folla kbira ta' nies.





## L-Era tas-Surmast Mro. Farrugia



Mro. Farrugia ippreżenta lill-Banda kemm kompożizzjonijiet festivi kif ukoll dawk reliġjużi. Hu rregala wkoll xi innu marċ. Il-Banda reġgħet bdiet tieħu sehem fiċ-ċirku ta' festi u wieħed jista jgħid li saret il-bażi għall-festa tar-raħal. Il-Banda bdiet timxi 'il quddiem u s-servizzi fil-festi bdew jiżdiedu. Il-Banda bdiet tagħti diversi servizzi kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Bdiet tieħu sehem fil-Ġimgħa Mqaddsa, fil-festi tal-Patrun kif ukoll għall-Karnival tar-Rabat. B' mod partikolari, il-Banda San Ġużepp bdiet tiġi mistiedna għall-festa ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex. Għal numru ta' snin il-Banda San Ġużepp bdiet tiġi mogħtija programmi mużikali fi Pjazza t-Tokk fejn żmien qabel kienu jdoqqu biss baned Maltin. Is-Surmast Farrugia ħa dan iċ-challenge flimkien mal-bandisti tiegħu. Mal-medda taż-żmien bdew idoqqu biċċiet bħal Rigoletto, Il Trovatore, Madame Butterfly u biċċiet mużikali oħrajn ta' importanza kbira. Fl-1973, il-Banda ħarġet bl-unuri meta fil-festa ta' Santa Marija daqqet l-overture '1812' tal-kompozitur Russu Tchaikovsky. F'dawk iż-żmienijiet, din il-biċċa kienet l-climax tal-Banda. Barra s-servizzi annwali li kienet tieħu sehem fihom, fis-sebgħinijiet ħadet sehem f'diversi marċijiet fosthom meta r-raħal ċċelebra r-rebħ ta' diversi titli mit-tim tal-futbol. F'dak il-perjodu, il-Banda kienet tieħu sehem ukoll f'ġimgħa attivitajiet magħrufa bħala "Il-Ġimgħa t' Għajnsielem" organizzatta mill-Kumitat Kulturali tar-raħal.

## Il-Bini ta' Każin Ġdid



Mill-bidu nett, il-Banda kellha problema bil-postijiet fejn kienet toqgħod. Għall-bidu kienet qed tokkupa parti mill-bini tal-istitut. Kien post tajjeb għall-attivitajiet kulturali, soċjali u mużikali. Imma l-membri ħassew li l-Banda kellha tinqata' mill-Istitut. Il-problema kienet ittekiljata u anki ġiet solvuta mill-Kumitat. Il-President Amabile Cauchi, li dakinhar kien ukoll membru tal-Parlament, flimkien mas-segretarju Ġużeppi Attard ħadmu bis-sħiħ sakemm fis-17 ta' Diċembru 1973, akkwistaw biċċa art kbira mingħand il-Knisja fiċ-ċentru tal-Pjazza maġemb il-Knisja l-ġdida ddedikata lill-Madonna ta' Loretu. Il-bini kien lest fl-1976 u minnufih beda jiffunzjona. Dan il-post kien immedjatament mhux biss ċentru mużikali iżda wkoll il-każin tal-komunita'.







## Sittin Anniversarju u żjara tal-Papa



Fuq inizjattiva tal-President Joe Xuereb, nhar il-11 ta' Diċembru 1988, is-soċjeta' mużikali ċċelebrat is-sittin sena anniversarju mill-bidu tagħha bil-kxif ta' żewġ lapidi; waħda li tfakkar dan l-anniversarju u oħra ad unur Mons. Ġużeppi De Piro, il-fundatur tal-Banda. Il-folla miġbura dakinhar ferħet lil Mikiel Ciangura u lill-familja tiegħu minħabba s-servizz li kienu qed jagħtu lil din il-Banda. Mikiel Ciangura kien parti mill-Banda oriġinali tal-1928. F'dik id-data memorabbli, Mikiel il-veteran kien il-pont bejn dak iż-żmien fejn il-Banda kellha ħafna problemi u nkwiet u ż-żmien sabiħ u eċċitanti li kienet dieħla fih. Dawn kien żminijiet ferm differenti. Fl-1990 l-Banda San Ġużepp kellha l-unur li tkun hi li tagħti merħba lill-Qdusija tieghu l-Papa Ġwanni Pawlu II fi zjara li kien għamel f'Għawdex.

## Imut is-Surmast Mro. Farrugia

Fis-sena 1992, il-konnessjoni l-era tas-surmast Ġużeppi Farrugia intemmet minħabba l-mewt tal-istess surmast. L-post tiegħu mtela mis-surmast Malti Mro. Joseph Nazzareno Sammut li ta' qablu b'kapaċita kbira u dderieġa l-Banda lejn l-Millenju l-Ġdid. F'din l-istess sena, is-surmast Sammut inawgura programm ta' biċċiet mużikali li mbagħad indaqqu fil-festa tal-Madonna ta' Loretu.

Ta' min jfakkar li f' 1992, inbena terrazzin kbir fuq in-naħħa tax-xellug tal-Każin.

## L-ewwel servizz barra minn Malta

Fis-sena 1995, l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp', taħt id-direzzjoni ta' Loretu Spiteri u Ġużeppi Attard ipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-seba' ċentinarju tal-mawra tad-Dar ta' Nazareth mill-Palestina għall-Loreto, l-Italja fl-ewwel tour li l-Banda għamlet barra minn Malta. Din l-avventura kienet ta' suċċess kbir u awgurat tajjeb għall-futur.









# Lejn il-Millenju l-Ġdid

Fl-1996 ġew onorati dawk il-Bandisti li taw 30 sena servizz. F'dik is-sena wkoll żżanżan l-Innu l-Kbir lill-Madonna ta' Loretu b'mużika tas-Surmast Nazzareno Sammut u kliem tal-Kan. Joe Meilak. Sena wara, il-Banda San Ġużepp flimkien ma' diversi baned oħra Ġużeppini ngħaqdu f'Mass Band u akkumpanjaw l-Istatwa ta' San Ġużepp minn bieb il-Belt Valletta sal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu. Beda jinħass il-bżonn ta' wċuh ġodda li jkomplu jsaħħu l-Banda u jżommu l-valuri tas-suċċessuri tagħhom. Iż-żgħażagħ li ffurmaw il-Banda fl-1967, issa kienu qed isiru veteran. Għalhekk beda jingħata importanza kbira lill-alljievi u bandisti aspiranti permezz tal-Iskola tal-Mużika.




Fl-1998 tfakkar is-70 Anniversarju. Mistiedna speċjali kienu Mikiel Ciangura u Pietru Camilleri, tnejn mill-ewwel Bandisti. Is-Soċjeta' rrekordjat ukoll għall-ewwel darba sett ta' marċi brijużi rrekordjati fuq Compact Disk. F'dik is-sena wkoll, il-President Onorarju Dun Karm Cassar offra diversi bicciet ta' mużika lill-Banda San Ġużepp. Fl-1999 il-Banda pparteċipat fil-Festi Nazzjonali li fakkru tmiem il-Millenju.



# Mro.Sunny Galea jinħatar Surmast



Fl-2003 l-Għaqda Mużikali San Ġużepp kkommemorat il-75 Anniversarju mill-fondazzjoni tagħha permezz ta' Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-Patroċinju tal-E.T. Prof Guido De Marco, President ta' Malta nhar it-30 ta' Mejju fil-Pjazza Madonna ta' Loretu. F'dik is-sena stess, wara r-riżenja tas-Surmast Joseph Nazzareno Sammut, il-Kumitat għamel għażla għaqlija u fi Frar ħatar lis-Surmast Sunny Galea A.L.C.M. bħala s-Surmast Direttur ġdid tal-Banda. Wara biss ftit xhur f'din il-pożizzjoni, dan is-Surmast kiteb diversi biċċiet għall-Banda fosthom "Innu lill-Madonna ta' Loretu" u marċ reliġjuż iddedikat lill-Monsinjur Ġużeppi De Piro biex jikkommemora l-75 Anniversarju. Taħt dan is-Surmast saru wkoll diversi 'recordings' fosthom ta' marċijiet brijużi, marċijiet funebri u oħrajn. Fl-1 ta' Mejju 2004, fl-okkażjoni tad-dħul ta' Malta fl-Ewropa l-Banda għamlet marċ flimkien ma' diversi baned oħra ġewwa r-Rabat.

Is-sena 2005 kienet sena diffiċli għal din l-Għaqda għaliex propju fis-6 ta' April tal-istess sena ħalliena l-mibki President Anton Agius. Propju ftit tax-xhur qabel, is-Sur Aguis kien beda x-xogħol ta' tkabbir u pavimentar tat-terrazzin fil-faċċata tal-Każin. Ix-xogħol tlesta xahrejn wara u ġie nawgurat mill-Aġent President Spiridione Cauchi.

F' dik is-sena, il-Banda ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħ tal-kampjonat minn Għajnsielem F.C kif ukoll sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 Anniversarju tal-Parroċċa t'Għajnsielem.

## Ir-Rinovazzjoni tal-Każin u l-Arkivju Mużikali



Fl-2006 inħatar Kumitat ġdid b'demm żagħżugħ. Mimli enerġija u entużjażmu, dan il-Kumitat mill-ewwel ta bidu għall-proġett ambizzjużtal-Arkivju Mużikali li jkun inawgurat fl-2009. F'din is-sena wkoll is-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp laqgħet lill-Isqof il-ġdid t'Għawdex Mons. Mario Grech. Fl-2007, il-Banda organizzat ġita ta' tmient ijiem ġewwa l-Italja fejn aktar minn mitt persuna attendew. Fl-2008 beda x-xogħol ta' rinovazzjoni fil-Każin bl-ewwel proġett ikun dak tal-kamra formali tal-Kumitat. Ġie mfakkar ukoll it-80 Anniversarju b'diversi attivitajiet fosthom bi Programm Mużikali fil-Pjazza Madonna ta' Loretu fis-26 t'Awissu taħt il-Patroċinju ta' l-E.T. Edward Fenech Adami, President ta' Malta.




## L-isfidi tal-Ġejjieni

Kollox beda meta Mons. De Piro iddeċieda li jixtri ftit strumenti lit-tfal tal-istitut ta' San Ġużepp. Minn dakinhar, is-Soċjeta' għaddiet minn mumenti ta' ferħ kif wkoll minn perjodi diffiċli iżda qatt ma ħarset lura. L-Għaqda Mużikali San Ġużepp hi mibnija fuq valuri u pedamenti sodi bbażati fuq il-Kristjaneżmu u l-imħabba lejn ir-raħal t'Għajnsielem. Dawn il-valuri flimkien għandhom jegħlbu kull sfida li l-ġejjieni għad jista' joffri.



## Surmastrijiet

| | |
|---|---|
| 1928 – 1930 | Mro. Anton Muscat Azzopardi |
| 1930 – 1946 | Mro. Mikiel Farrugia |
| 1946 – 1966 | Mro. Ganni Vella |
| 1966 – 1992 | Mro. Joseph Farrugia |
| 1992 – 2002 | Mro. Joseph N. Sammut |
| 2003 - | Mro. Sunny Galea |

## Presidenti

| | |
|---|---|
| 1928 – 1933 | Mons. Ġużeppi De Piro |
| 1934 – 1968 | Mons. Ġużeppi Galea Rapa |
| 1968 – 1973 | Sur Ġużeppi Cauchi |
| 1973 – 1988 | Sur Amabile Cauchi |
| 1988 – 1991 | Sur Joseph Xuereb |
| 1991 – 2002 | Sur Loreto Spiteri |
| 2003 – 2003 | Sur Paul Scicluna |
| 2004 – 2005 | Sur Anthony Agius |
| 2005 – 2006 | Sur Spiridione Cauchi |
| 2006 - | Sur Ġino Cauchi |

## Segretarji

| | |
|---|---|
| 1928 – 1964 | Dun Luzar Buhagar |
| 1934 – 1947 | Dun Gwann Galea |
| 1967 – 1997 | Sur Joseph Attard |
| 1998 – 2002 | Sur Pawlu Scicluna |
| 2003 – 2003 | Sur Joseph Sultana |
| 2004 – 2005 | Sur Spiridione Cauchi |
| 2006 – | Sur Kevin Cauchi |

## Bandisti Onorati bil-Premju Ġieħ Għajnsielem

Kull sena il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem jogħġbu jonora lil dik il-persuna minn Għajnsielem li tkun tgħat servizz verament kburi lir-raħal. Fost dawn ir-rebbieħa hemm diversi bandisti li rebħu dan l-unur.

| | |
|---|---|
| 1995 | Dun Karm Cassar – ex-Bandist u President Onorarju |
| 1996 | Carmel Rapa – ex-Bandist. |
| 1997 | Ġużeppi Attard – ex Bandist u ex-Segretarju. |
| 2002 | Spiridione Cauchi – Bandist u ex-Segretarju. |
| 2003 | Rudolph Cauchi – ex Bandist u ex-Membru tal-Kumitat |
| 2004 | Leli Saliba – Bandist |
| 2006 | Loreto Galea – Bandist u Arkivista |





Din l-istorja hi miktuba minn Michela Galea

**Update u żieda ta' infomazzjoni addizzjonali:** Kevin Cauchi
**Riċerki addizzjonali:** Silvan Debatista
**Proof reading:** Ġużeppi Cauchi
**Layout u Cover Design**: Kevin Cauchi
**Printing:** Portelli Print, Nadur
**Ritratti:** Ġużeppi Cauchi u Joseph Sultana